MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2005

Numru 1082/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR DANIEL ZAMMIT**

**VS**

**WILLIAM CAMILLERI**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra William Camilleri ta’ 50 sena, bin Joseph u Rose nee’ Bugeja, imwieled tas-Sliema, nhar l-10 ta’ Novembru, 1954, residenti fil-fond numru 75, Triq il-Karmnu, Sliema, detentur tal-karta tal-identita’ numru 0800454 (M) ;

Akkuzat talli bejn Novembru, 2004 u Dicembru, 2004, gewwa tas-Sliema, San Giljan u gewwa dawn il-Gzejjer, b’diversi ati maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmulin

b’risoluzzjoni wahda, nhar is-17 ta’ Novembru, 2004, seraq libsa ghall-valur ta’ Lm26.95, minn gewwa Miss Selfridge, Triq Bisazza, Sliema, ghad-dannu tal-istess hanut, liema serq huwa aggravat bil-hin u dan *ai termini* tal-Artikoli 261 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli f’Novembru, 2004, seraq tlett nuccalijiet li l-valur taghhom jeccedi l-ghaxar liri Maltin (Lm10.00), izda ma jeccedix il-mitt lira Maltin (Lm100.00) minn gewwa *Book Bites*, Triq ix-Xatt, Gzira, ghad-dannu tas-sidien tal-istess hanut, u dan *ai termini* tal-Artikoli 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fil-11 ta’ Dicembru, 2004, ghall-habta ta’ 19:30hrs, seraq *cordless telephone* ghall-valur ta’ Lm70.00 minn gewwa *Digital 2000,* Plaza Complex, Triq Bisazza, Sliema, ghad-dannu tal-istess hanut, liema serq huwa aggravat bil-hin u dan *ai termini* tal-Artikoli 261 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fit-13 ta’ Dicembru, 2004, ghall-habta ta’ 13:30hrs, seraq fwieha ghall-valur ta’ Lm8.60 minn gewwa *Frank’s*, 57, Plaza Complex, Triq Bisazza, Sliema, ghad-dannu tas-sidien tal-istess hanut, u dan *ai termini* tal-Artikoli 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli f’Dicembru, 2004, seraq zewg nuccalijiet li l-valur taghhom jeccedi il-mitt lira Maltin (Lm100.00) minn gewwa *CBL Stationery*, Triq Wilga, Paceville, San Giljan, ghad-dannu tas-sidien tal-istess hanut, u dan *ai termini* tal-Artikoli 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fit-13 ta’ Dicembru, 2004, u fix-xhur u fil-granet ta’ qabel, xjentement xtara jew laqa’ ghandu oggetti misruqa li l-valur taghhom jaccedi l-mitt lira Maltin (Lm100.00) mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan isir f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli b'hekk jitqies recediv b'sentenzi datati 4 ta' Frar, 1994; 3 ta' Ottubru, 1997; 29 ta' Mejju, 1997 u 31 ta' Jannar, 1997 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat l-ammissjoni tal-imputat ghat-tielet, il-hames u s-sitt akkuzi, liema ammissjoni giet ikkonfermata wara li nghata zmien skond il-Ligi.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 261, 270, 284, 285, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issibu hati tal-akkuzi kollha hlief tar-ricetazzjoni, li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha peress illi din inghatat bhala alternettiva ghall-akkuzi l-ohra, u tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija ta' sentejn (2).

Il-Qorti tirrakkomanda lid-Diretttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jipprovdi lill-imputat dawk il-facilitajiet kollha necessarji sabiex hu jkun jista' jibda programm ta' rijabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------